## 2 ta' April, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Consiglio Mangion ne. et. *versus* Turu Callus et.

**Kwerela — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Żball — Art. 372 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-korrezzjoni ta' l-ismijiet fil-kwerela u fiċ-ċitazzjoni huma permessi, jekk il-kwerelat ma setax isofri ebda preġudizzju jew disgwid b'dak l-iżball. Tutt'al più, jista' jitlob differiment biex jipprepara ruħu aħjar għad-difiża.*

Dan hu appell minn deċiżjoni fuq pont preliminari mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' Diċembru 1947. Din id-deċiżjoni, anki jekk tiġi meqjusa bħala digriet f'sens komprensiv, hi tali li tagħti lok għall-appell, għaliex tippreklūdi l-kontinwazzjoni tal-kawża;

Fil-kwerela oriġinali kien hemm bħala kwerelanti Consiglio Mangion għan-nom tat-tifla minuri Rita, u Giuseppa Mangion martu. Il-kwerela kienet fis-sens illi ż-żewġ kwerelati sawtu lill-kwerelanti Giuseppa u nġurjaw lill-kwerelanti Rita;

Id-difensur tal-kwerelanti (ara verbal fol. 3) talab il-korrezzjoni tal-kwerela u taċ-ċitazzjoni fis-sens li fejn hemm "Giuseppa" tiġi "Rita", u fejn hemm "Rita" tiġi "Giuseppa";

Id-difensur tal-kwerelati oppona;

Il-Qorti ta' Isfel fid-deċiżjoni fuq imsemmija ddikjarat irrita u nulla l-kwerela, bl-ispejjeż kontra l-kwerelanti;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-pont hu jekk l-Ewwel Qorti kienetx ġustifikata tirrifjuta li tippermetti l-korrezzjoni non ostanti l-oppożizzjoni tal-kontroparti;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Maġistrat kien imissu ppermetta l-korrezzjoni; għal dawn ir-raġunijiet :—

1. L-art. 372 Kap. 12, applikabili għal dan il-każ, ġie interpretat mill-ġurisprudenza bħala li ma hux ta' ostakolu illi jsiru korrezzjonijiet tal-partikularitajiet; tutt'al-pjù, il-kwerelat jew imputat jista' jitlob differiment biex jipprepara

ruħu għjar għad-difiża (ara sentenza "Pulizija vs. Bartoli", App. Kriminali 8. 1. 38, u s-sentenzi hemm ċitati);

2. Fis-sistema penali malti ċ-ċitazzjoni hija ta' oriġini Ingliża. Issa fis-sistema Ingliż (Stone's Justices' Manual, pag. 23, 1935 Edit.), il-korrezzjonijiet huma permessi, b'dan illi, jekk il-kwerelat jew imputat seta' kien "misled" bl-iżball, allura hemm lok għal differiment biss;

3. Il-liġi tippermetti korrezzjonijiet simili fl-att ta' l-akkuża, li hu att ferm aktar solenni, fil-ġudizzju plenarju (ara art. 593 Kap. 12). Kien ikun illoġiku li wieħed jeżiġi "technical strictness" akbar (kif sejħilha l-Imħallef Byles) f'att aktar sommarju kif inhi ċ-ċitazzjoni;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżjoni appellata, tippermetti l-korrezzjoni mitluba, u tirrimetti l-proċess lill-Qorti t'Isfel għat-trattazzjoni u d-deċiżjoni fil-meritu. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru bin-nofs — temperament ispirat bil-konsiderazzjoni illi, jekk min-naħa waħda l-kwerelant ta lok għall-inċident bl-iżball li għamel, il-kwerelati ma jmisshomx opponew, stanti l-pronunċjati kostanti tal-ġurisprudenza;

Drittijiet tad-difensuri 8s, l-waħda għas-seduta tat-2 ta' Frar 1948 u tal-lum, u 12s. għal dik ta' l-1 ta' Marzu 1948.